Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9969 — VEOLIA / SUEZ)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 453/05)

1. Fit-22 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Veolia Environnement SA ("Veolia", Franza),

— Suez SA ("Suez", Franza).

Veolia takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Suez kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni tikkostitwixxi f'żewġ stadji: minn naħa waħda, l-akkwist ta' sehem mingħajr il-kontroll ta' 29,9 % tal-kapital u tad-drittijiet tal-vot ta' Suez mingħand Engie S.A. ("Engie") u li sar fis-6 ta' Ottubru 2020, ([2]) u min-naħa l-oħra, it-tnedija ta' offerta pubblika ta' xiri tal-bqija tal-ishma li nfetħet fid-29 ta' Lulju 2021.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Veolia: toffri soluzzjonijiet għall-ġestjoni tal-ilma, tal-iskat u tal-enerġija. L-attivitajiet prinċipali tagħha huma: (i) is-servizzi u t-teknoloġiji tal-ġestjoni tal-ilma, (ii) l-attivtajiet marbuta mal-iskart mhux perikoluż, skart regolamentat u skart perikoluż u (iii) l-għoti ta' servizzi tal-enerġija, inklużi l-ġestjoni, il-produzzjon u d-distribuzzjoni tal-enerġija.

— Suez: toffri servizzi fis-settur tal-ilma u tal-iskart kif ukoll soluzzjonijiet teknoloġiċi.

3. Wara eżami preliminari u mingħajr preġudizzji għad-deċiżjoni finali tagħha dwar dan il-punt, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9969 — VEOLIA / SUEZ

Dawn il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

Commission européenne
Direction générale de la concurrence
Greffe des concentrations
1049 Bruxelles
BELGIQUE

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) Skont il-kundizzjonijiet ta' ftehim li sar bejn Veolia u Engie fil-5 ta' Ottubru 2020.